# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 246/13/1 AGV**

**Gemma Mangion**

**v.**

**Karl Falzon kif debitament awtorizzat bħala mandatarju għan-nom u in rapprezentanza ta' Charles Mangion**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell tal-konvenut mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-14 ta' Jannar 2020 f'kawża ta' divorzju. Kawża li hi konnessa mal-kawża Karl Falzon nomine v. Gemma Mangion (Rikors 245/2013) deċiża wkoll illum. Fil-fatt l-aggravji tal-appell in eżami huma identiċi għall-aggravji tal-appell fil-kawża 245/2013 u deċiż illum ukoll.

2. Il-fatti ta’ dan il-każ huma li l-partijiet iżżewġu fis-27 ta’ Mejju 1994 u fit-18 ta’ Lulju 1995 twieled l-uniku tifel miż-żwieġ. F’Ġunju 2011 l-konvenut telaq minn Malta u mar igħix l-Ingilterra u qatt ma rritorna lura d-dar. Fit-22 ta’ Mejju 2013 l-attriċi biegħet il-fond matrimonjali li kien proprjeta` parafernali tal-konvenut, billi għamlet użu minn prokura ġenerali li ta l-konvenut datata 9 ta’ Ġunju 2011. Il-bejgħ sar għall-prezz ta’ €116,646.66. Il-konvenut ma rċieva xejn mir-rikavat.

3. B’rikors maħluf preżentat fl-20 ta’ Novembru 2013 l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:-

> *“1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u konsegwentement tiddikjara l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar is-27 ta’ Mejju 1994 ai termini tal-artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *2.Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Liġi u imputabbli lill-konvenut;*
>
> *3.Tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix separatament minn żewġha l-konvenut;*
>
> *4.Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata għall-ħtiġijiet tal-imsemmi Nathaniel, stante li huwa student li qiegħed jipparteċipa f’edukazzjoni, tagħlim u taħriġ full time u dan sa l-eta’ ta’ tlieta u għoxrin sena, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet tal-istess Nathaniel, wara li tapplika wkoll il-provvediment tal-artikoli 3B(2)(a) u 54(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, pagabbli mill-konnvenut lill-attriċi fil-ġimgħa jew fix-xahar kif tordna din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq li l-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;*
>
> *5.Tillikwida l-ammonti kollha mħallsin mill-attriċi għar-rigward ta’ iben il-kontendenti Nathaniel għat-trobbija tal-istess tiegħu, inkluż spejjeż edukattivi u ta’ saħħa għal liema spejjeż il-konvenut qatt ma ħallas sehemu kif inhu obbligat bil-liġi u dan sa meta abbanduna l-familja*

*tiegħu (16 ta' Ġunju 2011) u telaq minn Malta biex igħix ma' mara oħra;*

*6. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas nofs dan l-ammont hekk likwidat fil-ħames (5) talba;*

*7. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjijiet tal- artiklu 48 u / jew 51 sa 55 A tal-Kodici Civili (Kap. 16 ), u tistabbilixxi d- data, minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet imsemija u tiddikjara in oltre' illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd tan-nofs tal-akkwisti illi saru l-iktar bil- hidma tal-attrici wara d-data stabbilita minn dina l-Qorti, bhal d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha tal-attrici, u ghal dal-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b' kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attriċi;*

*8. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-kontendenti, tillikwida l-istess komujoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti, jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat stabbilit minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-istess konvenut;*

*9.Tiddikjara li l-konvenut tilef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi u ghandu jigi ddikjarat unikament u esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti minn dik id-data hawn fuq stabbilita bhala li minnha kien hati tal-firda, kif ukoll ghal kull dejn iehor assunt in mala fede, u billi l-attrtci tigi akkreditata b' sehmha spettanti mir-rikvat tad-dar matrimonjali, gja' mibjugha.*

*10.Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-atttrici l-beni kollha dotali u parafarnali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz, u separatement tordna li l-attrici tigi moghtija l-piena amminsitrazzjoni tal- beni parafernali taghha;*

*11.Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekuljari tal-attrici u tikkwalifka l- istess bhala kredit tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti ;*

*12.Tillikwida l-ammonti kollha li l-attrici hallset ghan-nom u a beneficcju tal- konvenut flimkien mal-imghaxijiet relattivi mid-data ta' meta dawn l- ammonti thallsu ;*

*13.Tikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attrici l-ammonti kollha hekk likwidati fit-talba numru tnax (12), flimken mal-imghaxijiet relattivi;*

*14.Tawtorizza lill-istess attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-registru Pubbliku, is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti".*

4. Fit-3 ta' April 2014 il-konvenut ippreżenta tweġiba maħlufa fejn iddikjara:

*"1.Illi fl-ewwel lok, il-konvenut nomine, iqajjem l-eccezzjoni ghall-fatt li elementi skont l-artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex sodisfatti kif tesigi l-ligi stess, u kwindi ghalhekk il-Qorti ma tistax tipprunonzja id-divorzju kif mitlub mil-attrici Gemma Mangion, fir-rikors promutur;*

*2.Illi huwa minnu li z-zwieg tkisser pero' tkisser minhabba tortijiet imputtabbli lil-attrici, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;*

*3.Illi l-konvenut ma ghandux oggezzjoni li l-partijiet jghixu separatment minn xulxin;*

*4.Illi fit-tielet u ghar-raba' talba attrici, l-konvenut Charles Mangion, ilu jissotoministra manteniment ghal ibnu Nathaniel li ghandu 19-il sena. Liema Nathaniel jattendi l-MCAST. Ill fis-smigh tal-kawza sejrin jigi esebiti ricevuti tal-Pay Pal li ghamel il- missier Charles Mangion sabiex jaghti manteniment lill-ibnu. Huwa minnu li dawn ma kinux ikunu dejjem regulari, pero' Charles Mangion sabha difficcli ferm sabiex isib xoghol fiss, u dawn l-ahhar snin ghamel hiltu, sabiex anki jakkwista xi copy right registrations, kif ser jigi muri tul il-kawza;*

*5. Illi rigward il-hames talba, il-konvenut joggezzjona ghal dit-talba billi kien hemm zmien meta kien dizokkupat u oltre' hallas ammonti lil ibnu permezz ta' Pay Pal kemm f' daz-zmien u anki wara. Inoltre' il-Qorti ghandha ukoll tiehu in konsiderazzjoni, li Gemma Mangion bieghet illum il-gurnata id-dar parafernali ta' Charles Mangion permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Mejju 2013, fl-atti tan-nutar John Gambin, fejn id-dar inbieghet ghas-somma ta' Euros 116,468 li minnhom Charles Mangion ma raha xejn ta' dak dovut lilu mill-bilanc;*

*6.Illi l-konvenut ma ghandux oggezzjoni, li jhallas nofs il-manteniment ghall-ibnu dejjem pero' fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-konvenut nomine u fid-dawl u fic-cirkostanzi, tal-hlasijiet li gja' saru u li gew sottoministrati u fid-dawl ukoll tal-flejjes mizmumin minn Gemma Mangion b'mod abbuziv u illegali ;*

*7. Illi rigward din id-disposizzjonijiet u b'kull rispett, il-konvenut nomine joggezzjona ghat-talba maghmula mil-attrici, fejn mhux biss talbet biex tigi affettwata l-artikolu 55 tal-Kap. 16 imma talli l-attrici hasbet li*

*tista' taghmel li trid, qabdet u bieghet il-propjeta' parafernali ta' Charles Mangion, bl-isem 'Ambleside', Flat 2, Triq Glormu Cassar, Mosta u hadet mhux il-parti tal-flus imma l-kejk intier minghajr ma tat karlina jew centezmu lil Charles Mangion, liema flejjes mir-rikavat (wara li taqta' id-djun tal-Banek), huma tieghu u ta' haddiehor. Illi anzi hija l-attrici li farrket daz-zwieg bejn il-partijiet, billi hi stess kommettiet adulterju u hi stess kienet vjolenti b'mod fiziku u anki psikolgiku fil-konfront ta' zewgha. Inoltre rigwardanti dak imtenni fil-paragrafu numru hamsa tar-rikors guramentat fejn hemm allegazzjoni li hu mar jabita mal-konkubina Sue Tooke, dik l-istorja kienet ivvinatata sabiex Charles Mangion seta' jakkwista STG 500 ghall-bzonnijiet tal-familja u dan kif ser jigi muri tul dil-kawza;*

*8.Rigwardanti it-tmien talba ma hemm l-ebda oggezzjoni, ghal tali talba dejjem pero' minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni maghmula mill-konvenut nomine;*

*9.Illi d-disa' talba ghandha tigi michuda fis-sens li t-tort tat-tifrik taz-zwieg kienu imputabbli lil Gemma Mangion u mhux lil Charles Mangion kif ser jigi ppruvat tul dil-kawza. Inoltre l-partijiet ghandhom ikunu responsabbli ghad-djun li ghamlu huma stess indivdwalment, pero l-attriċi ghandha l-obbligu li trodd lura dawk il-flejjes li ma humiex taghha, u li huma tal-konvenut nomine, mill-bejgh tad-dar parafernali tal-konvenut nomine, u mir-rikavat ta' dak il-bejgh sal-lum Charles Mangion ma rceviex sold;*

*10.Illi rigward l-ghaxar u l-hdax-il talba l-konvenut nomine jiddikjara li hu ma ghandu xejn fil-pussess tieghu li hija propjeta' parafernali ta' Gemma Mangion imma certament ma joggezzjonax li dak li huwa taghha parafernali (u li ghad ird jigi dikjarat x' inhuma l-beni parafernali taghha minn Gemma Mangion), tista' tehodhom;*

*11.Illi rigward it-tnax u tlettax-il talba hemm kontestazzjoni ta' dan billi d-djun li thallsu, thallsu minn flusu tieghu stess, u ghalhekk certament l- attrici ma tistax titlob il-hlas ta' ammonti li thallsu mill-konvenut nomine stess. Certament imghax, zgur ma jiddekorrrx fuq hlasijiet bhal dawn. Ghalhekk Charles Mangion ma jistax jitpogga f' sitwazzjoni li jhallas doppjament ghal dak dovut. Inoltre' dato ma non concesso u bla pregudizzju, ghal dak su riferit, imghax zgur ma jiddekorrix, fuq ammonti li n-natura taghhom huma civili u mhux kummercjali;*

*12.Illi rigward l-erbatax-il talba ma hemmx oggezzjoni ta' dan, dejjem u bla pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine".*

5. B'sentenza tal-14 ta' Jannar 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is- 27 ta' Mejju 1994 si termini tal-artikolu 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tilqa' it-tieni talba attrici;*

*3. Tilqa it-tielet talba attrici;*

*4. Tilqa' ir-raba u l-hames talba attrici u tillikwida dal-ammont fis-somma ta' €15,220 – li huma konsistenti f'arretrati ta' manteniment fl-ammont ta' €15,200.00 u €720.00 spejjez ta' lezzjonijiet tal-privat, li minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta' €700 gia' imhallsa mill-konvenut.*

*5.Tilqa' is-sitt talba.*

*6. Tilqa' is-seba' talba attrici billi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut.*

*7. Tilqa' t-tmien talba.*

*8. Tilqa' d-disa' talba.*

*9. Tilqa' l-għaxar talba.*

*10. Tilqa' l-ħdax il-talba u tillikwida dal-ammont fis-somma ta' €27,311.90.*

*11. Tilqa' t-tnax-il talba u tillikwida dal-ammont fis-somma ta' €33,499.44.*

*12. Tilqa' t-tlettax-il talba.*

*13. Tilqa' l-erbatax-il talba"*.

6. B'rikors preżentat fit-3 ta' Settembru 2020 il-konvenut appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti bl-aggravji jkunu:

i. L-ewwel Qorti ma setgħetx tapplika s-sanzjoni ta' dekadenza fuq il-konvenut u li ma kellux kreditur parafernali kontra l-attriċi.

ii. L-ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata illi tqis lill-esponenti responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ;

iii. L-ewwel Qorti żbaljat fil-mod kif ikkalkolat il-kreditu li qieset li kellha l-attriċi fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.

7. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti huma s-segwenti:

***"IKKUNSIDRAT***

*Illi din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi, u l-partijiet kienu qablu li l-provi f'wahda kienu jghoddu wkoll ghall- ohra. Illi ghalhekk, il-Qorti sejra taghti sentenza f'kull kawza, u l-motivazzjonijiet f'wahda ser japplikaw ghall-ohra. A skans ta' ripetizzjoni u riproduzzjoni tal- provi mressqa mill-partijiet u l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti, din is-sentenza tirreferi ghal dak kollu indikat fis-sentenza fl-ismijiet inversi (Rik. Nru 245/13) deciza llum stess.*

*DIVORZJU:*

*Hekk kif jirrizulta mir-rikors mahluf, pprezentat mill-esponenti fl- 20 ta' Novembu 2013 ir-rekwiziti ghall-pronunnzja tad-divorju huma sodisfatti stante illi;*

*1. Ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni;*

*2. Il-partijiet mhux ser jitolbu manteniment minghand xulxin la ghalihom u wisq anqas ghal binhom stante li dan lahaq l-eta' maggorenni;*

*3. Ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn 4 snin;*

*Ghar-ragunijiet moghtija fil-kawza fl-ismijiet inversi, it-talbiet ta' AB ghandhom jigu milqugha, u ghall-finijiet tad-data applikabbli ghad-dekadenza tal-konvenut, din ghandha tkun b'effett minn Gunju 2011".*

8. Il-Qorti tagħmel referenza għall-esposizzjoni tal-fatti, tal-konsiderazzjonijiet u motivazzjoni magħmula fis-sentenza mogħtija llum

fl-appell numru 246/2013/1, li għandhom jitqiesu parti minn din is-sentenza.

9. Iżżid biss li b'dak li ordnat l-ewwel Qorti fir-rigward tal-ħdax, tnax u tlettax-il talba qisu qiegħed jingħata x'jifhem li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma totali ta' €60,811.34.

10. Mill-provi rriżulta li mill-prezz li l-attriċi rċeviet meta biegħet id-dar, il-konvenut ma rċieva xejn. Is-somma ta' €60,811.34 tikkonsisti fis-segwenti:

i. €20,964.36 flus parafernali tal-attriċi li ntużaw għan-negozju li kellu l-konvenut matul iż-żwieġ;
ii. €2,329.37 somma li l-attriċi ngħatat minn omm il-konvenut u li ttieħdu mill-konvenut;
iii. €2,563.31 valur ta' Citroen Saxo li l-konvenut biegħ u żamm il-flus għalih. Ma jirriżultax li dik il-vettura kienet proprjeta` parafernali tal-attriċi;
iv. €1,455.86 flus żbankati minn kont bankarju li kellu t-tifel;
v. €33,499.44 dejn tal-konvenut li l-attriċi ħallset.

11. L-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' €27,311.90 bħala kreditu li għandha l-attriċi. Somma li tinkludi fiha l-ewwel erba' ammonti li

jissemmew fil-paragrafu preċedenti. Fl-ewwel lok l-ammonti ta' €2,563.31 u €1,455.86 m'humiex krediti parafernali. Il-kreditu parafernali kien semmai t-total tal-ammonti li jissemmew f'sub-paragrafi (i)[1] u (ii) tal-paragrafu preċedenti. Krediti li ovvjament l-attriċi tħallset tagħhom mill-prezz tal-bejgħ tal-fond parafernali tal-konvenut. Total ta' tnax-il elf tmien mija u ħdax-il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€12,811.55).

12. B'referenza għat-tnax-il talba l-ewwel qorti llikwidat is-somma ta' €33,499.44 li l-attriċi ħallset fl-interess tal-konvenut. Dak hu dejn parafernali tal-konvenut li diġa` tħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond proprjeta` parafernali tal-konvenut li l-attriċi biegħet bil-kuntratt tat-22 ta' Ġunju 2013. Kull ma kellha tgħid l-ewwel Qorti hu li dik kienet is-somma li tħallset mill-attriċi, iżda li tħallset mill-prezz tal-bejgħ tal-fond parafernali tal-konvenut. Inoltre m'hemm l-ebda imgħax dovut lill-attriċi.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell tal-konvenuti billi tilqgħu biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Jannar 2020 billi:

1. Fir-rigward tat-talba numru ħdax tar-rikors maħluf, tiddikjara li d-dejn parafernali li kien dovut lill-attriċi kien fis-somma ta' tnax-il elf tmien mija u ħdax-il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu

[1] €10,482.18 li hu nofs is-somma ta' €20,964.36 għar-raġuni li ngħatat fis-sentenza tal-appell 245/2013/1.

(€12,811.55), ammont li diġa` tħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond parafernali tal-konvenut.

2. Fir-rigward tal-talba numru tnax tar-rikors maħluf, tiddikjara li m'hemm l-ebda imgħax dovut.
3. Fir-rigward tat-talba numru tlettax tar-rikors maħluf, tiddikjara li llum m'hemm l-ebda ammont x'jitħallas mill-konvenut lill-attriċi għal dak li jirrigwarda t-talbiet numru ħdax u tnax.
4. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.
5. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-konvenut u kwart (¼) a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr